KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
HOGAN
ippreżentati fis-16 ta' Mejju 2019 [1]

**Kawża C-484/18**

**Société de perception et de distribution des droits des artistes-interprètes de la musique et de la danse (Spedidam),**
**PG,**
**GF**
**vs**
**Institut national de l'audiovisuel,**
**partijiet magħquda:**
**Syndicat indépendant des artistes-interprètes (SIA-UNSA),**
**Syndicat français des artistes-interprètes (CGT)**

(Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati — Direttiva 2001/29/KE — Artikoli 2(b) u 3(2) — Drittijiet esklużivi tal-artisti interpreti — Dritt nazzjonali li jipprevedi, għall-benefiċċju tal-Istitut Nazzjonali tal-Awdjoviżiv Franċiż (INA), sistema speċjali favur l-użu tal-arkivji awdjoviżivi li ma hijiex prevista fl-Artikolu 5(2) u (3) tad-Direttiva 2001/29 — Benefiċċju mid-drittijiet tal-użu tal-arkivji awdjoviżivi mingħajr il-bżonn li tiġi pprovata l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-artist interpretu — Preżunzjoni legali tal-kunsens tal-artist interpretu"

## I. Introduzzjoni

1. Huwa ammissibbli li Stat Membru jipprevedi, fil-leġiżlazzjoni tiegħu dwar id-drittijiet tal-awtur, preżunzjoni li permezz tagħha jiġi preżunt li l-artist interpretu ta' prestazzjoni partikolari jkun ippermetta organu pubbliku li jkun ingħata l-inkarigu li jippreżerva r-reġistrazzjonijiet mużikali u awdjoviżivi li jippubblika u, jekk neċessarju, li juża din il-prestazzjoni permezz ta' trasferiment attribwit tad-drittijiet tal-artist interpretu? Din essenzjalment hija l-kwistjoni prinċipali li tirriżulta minn din it-talba għal deċiżjoni preliminari.

2. Din it-talba, ippreżentata fl-20 ta' Lulju 2018 fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja mill-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza), ovvjament tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Artikoli 2(b), 3(2)(a) u 5 tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni [2].

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230.

3. It-talba tressqet fi proċeduri bejn, minn naħa, is-Société de perception et de distribution des droits des artistes-interprètes de la musique et de la danse (iktar 'il quddiem "Spedidam"), PG u GF, l-ulied u l-aventi kawża ta' batterista ġazz magħruf mad-dinja kollha, ZV, u, min-naħa l-oħra, l-Institut national de l'audiovisuel (l-Istitut Nazzjonali tal-Awdjoviżiv Franċiż, iktar 'il quddiem l-"INA") fir-rigward ta' talba għad-danni għall-allegat ksur mill-INA tad-drittijiet tal-artisti interpreti ta' PG u GF.

4. ZV miet fl-1985. Fl-2009 wliedu skoprew li l-INA kien għamel ċerti reġistrazzjonijiet video u fonogramma separata ta' prestazzjonijiet ta' kunċerti ta' missierhom bejn l-1959 u l-1978 aċċessibbli fuq is-sit internet tiegħu. Wara din l-iskoperta huma fetħu l-kawża prinċipali, fejn talbu d-danni bħala l-persuni intitolati għad-drittijiet tal-awtur u għad-drittijiet relatati fir-rigward ta' dak li huma jsostnu li jammonta għal komunikazzjoni mhux awtorizzata, mill-INA, ta' dawn il-prestazzjonijiet ta' missierhom li huwa mejjet. Huwa paċifiku li l-ulied qatt ma taw permess għall-komunikazzjoni b'dan il-mod mill-INA tal-prestazzjonijiet ta' missierhom. Kif sejjer jintwera, id-dritt Franċiż jipprevedi trasferiment ta' drittijiet relatati favur l-INA. Il-kwistjoni essenzjali ppreżentata minn din id-domanda preliminari hija jekk din il-leġiżlazzjoni Franċiża hijiex konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2001/29.

5. Qabel ma titqies xi waħda minn dawn il-kwistjonijiet legali, huwa, madankollu, neċessarju li jiġu stabbiliti d-dispożizzjonijiet legali rilevanti.

## II. Il-kuntest legali

### *A. Id-dritt tal-Unjoni Ewropea*

6. Il-premessi 15, 25, 26, 30 u 32 tad-Direttiva 2001/29 jipprevedu:

"(15) Il-Konferenza Diplomatika mlaqqa' taħt l-awspiċi ta' l-Organizzazzjoni Dinjija ta' Proprjetà Intellettwali (WIPO) f'Diċembru 1996 wasslet għall-adozzjoni ta' żewġ Trattati ġodda, it-'Trattat dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur WIPO' u t-'Trattat dwar l-Artisti u l-Fonogrammi WIPO, li jittrattaw rispettivament il-protezzjoni ta' l-awturi u l-protezzjoni ta' l-artisti u produtturi ta' fonogrammi. Dawn it-Trattati jaġġornaw il-protezzjoni internazzjonali għad-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati b'mod sinifikanti, mhux l-anqas rigward l-hekk imsejħa 'aġenda diġitali' u jtejbu l-mezzi biex jiġġieldu l-piraterija madwar id-dinja. [L-Unjoni] u l-maġġoranza ta' l-Istati Membri diġà ffirmaw it-Trattati u għaddej il-proċess biex jagħmlu arranġamenti għar-ratifika tat-Trattati mill-[Unjoni] u l-Istati Membri. Din id-Direttiva sservi wkoll biex timplimenta għadd ta' obbligi internazzjonali ġodda.

[…]

(25) L-inċertezza legali dwar in-natura u l-livell ta' protezzjoni ta' l-atti ta' trasmissjoni fuq talba ta' xogħolijiet bid-drittijiet ta' l-awtur u materjal protett bid-drittijiet relatati ma' networks għandha tiġi superata bil-provvediment ta' protezzjoni armonizzata f'livell tal-Komunità. Għandu jkun ċar li d-detenturi tad-drittijiet kollha rikonoxxuti minn din id-Direttiva għandu jkollhom dritt esklussiv biex jagħmlu disponibbli lill-pubbliku xogħolijiet bid-drittijiet ta' l-awtur jew kull suġġett ieħor permezz ta' trasmissjonijiet interattivi fuq talba. Dawn it-trasmissjonijiet interattivi fuq talba huma karatterizzati mill-fatt li l-membri tal-pubbliku jistgħu jidħlu għalihom minn post u f'ħin individwalment magħżul minnhom.

(26) Rigward it-tqegħid għad-disposizzjoni f'servizzi fuq talba minn xandara fuq ir-radju jew televiżjoni tagħhom produzzjonijiet li jinkorporaw mużika minn fonogrammi kummerċjali bħala parti integrali tagħhom, għandhom ikunu inkuraġġuti arranġamenti kollettivi ta' għoti ta' liċenzji biex jiffaċilitaw il-ħruġ tad-drittijiet relevanti.

[…]

(30) Id-drittijiet imsemmija f'din id-Direttiva jistgħu jiġu trasferiti, assenjati jew regolati mill-għotja ta' liċenzji kuntrattwali, mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni nazzjonali relevanti dwar id-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati.

[…]

(32) Din id-Direttiva tipprovdi għal elenku eżawrjenti ta' eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet għad-dritt ta' riproduzzjoni u d-dritt ta' komunikazzjoni lill-pubbliku. Xi eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet japplikaw biss għad-dritt ta' riproduzzjoni, fejn hu xieraq. Dan l-elenku jikkunsidra kif inhu xieraq it-tradizzjonijiet legali differenti fl-Istati Membri, filwaqt li, fl-istess ħin, għandu bħala skop li jiżgura suq intern li jiffunzjona. L-Istati Membri għandhom jaslu għal applikazzjoni koerenti ta' dawn l-eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet, li ssir stima tagħhom meta jirrevedu l-leġislazzjoni implimentattiva fil-futur."

7. L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/29, intitolat "Dritt ta' riproduzzjoni", jipprevedi:

"L-Istati Membri għandhom jipprovdu għad-dritt esklussiv li jawtorizza jew jipprojbixxi riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti b'kull mezz u f'kull forma, kollha jew parti:

(a) għall-awturi, tax-xogħolijiet tagħhom;

(b) għall-artisti, ta' l-iffissar tal-wirjiet tagħhom;

(c) għall-produtturi ta' fonogrammi, tal-fonogrammi tagħhom;

(d) għall-produtturi ta' l-ewwel iffissar ta' films, rigward l-oriġinal u l-kopji tal-films tagħhom;

[…]"

8. L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2001/29, intitolat "Id-dritt ta' komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xogħolijiet u d-dritt li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku suġġett ieħor", jipprevedi:

"1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-awturi bid-dritt esklussiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu kull komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħolijiet tagħhom, bil-fili jew mezzi mingħajr fili, inklużi li jagħmlu disponibbli lill-pubbliku x-xogħolijiet tagħhom b'mod li membri tal-pubbliku jistgħu jkollhom aċċess għalihom minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhom.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għad-dritt esklussiv biex jawtorizzaw jew jipprojbixxu li jagħmlu disponibbli lill-pubbliku, permezz tal-fili jew mingħajr fili, b'mod li l-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jkollhom aċċess għalihom minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhom:

(a) għall-artisti, ta' l-iffissar tal-wirjiet tagħhom;

(b) għall-produtturi ta' fonogrammi, tal-fonogrammi tagħhom;

(ċ) għall-produtturi ta' l-ewwel iffissar tal-films, ta' l-oriġinal u l-kopji tal-films tagħhom;

[…]"

9. L-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, bit-titolu "Eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet", jipprevedi, fil-paragrafu 2 tiegħu, li:

"L-Istati Membri jistgħu jipprovdu l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet għad-dritt ta' riproduzzjoni provdut fl-Artikolu 2 fil-każi li ġejjin:

[…]

(ċ) rigward l-atti speċifiċi ta' riproduzzjoni magħmula minn libreriji, stabbilimenti edukattivi jew mużewijiet jew arkivji li għandhom aċċess mill-pubbliku, li mhumiex għal vantaġġ ekonomiku jew kummerċjali dirett jew indirett;

[…]"

10. L-Artikolu 10 tad-Direttiva 2001/29, intitolat "Applikazzjoni maż-żmien [*ratione temporis*]", jipprevedi:

"1. Id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw rigward ix-xogħolijiet kollha u suġġetti oħra msemmija f'din id-Direttiva li huma, fit-22 ta' Diċembru 2002, protetti mil-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri fil-qasam tad-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati, jew li jissodisfaw il-kriterji għall-protezzjoni skond id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva jew id-disposizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1(2).

2. Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għal kull att konkluż u drittijiet miksuba qabel it-22 ta' Diċembru 2002."

### *B. Id-dritt Franċiż*

11. L-ewwel paragrafu tal-Artikolu L. 212-3, tal-code de la propriété intellectuelle (il-Kodiċi tal-Proprjetà Intellettwali), jipprevedi:

"L-iffissar tal-prestazzjoni tagħha, ir-riproduzzjoni tagħha u l-komunikazzjoni tagħha lill-pubbliku, kif ukoll kwalunkwe użu separat tal-ħoss u tal-immaġni tal-prestazzjoni meta hija tkun ġiet iffissata kemm għall-ħoss u kemm għall-immaġni, huma suġġetti għall-awtorizzazzjoni bil-miktub tal-artist interpretu."

12. L-Artikolu L. 212-4 tal-Kodiċi tal-Proprjetà Intellettwali, jipprevedi:

"Il-firma tal-kuntratt konkluż bejn artist interpretu u produttur għall-produzzjoni ta' xogħol awdjoviżiv tikkostitwixxi awtorizzazzjoni għall-iffissar, għar-riproduzzjoni u għall-komunikazzjoni lill-pubbliku tal-prestazzjoni tal-artist interpretu.

Dan il-kuntratt jistabbilixxi remunerazzjoni separata għal kull metodu ta' użu tax-xogħol".

13. L-Artikolu 49 tal-loi n° 86-1067 du 30 septembre 1986 relative à la liberté de communication (il-Liġi Nru 86-1067 tat-30 ta' Settembru 1986 dwar il-Libertà ta' Komunikazzjoni) (kif emendat bl-Artikolu 44 tal-Liġi Nru 2006/961 tal-1 ta' Awwissu 2006) (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-Libertà ta' Komunikazzjoni") jipprevedi:

"L-[INA], organu pubbliku tal-Istat b'natura industrijali u kummerċjali, huwa responsabbli għall-konservazzjoni u għat-titjib tal-patrimonju awdjoviżiv nazzjonali.

[…]

II. L-[INA] għandu juża estratti mill-arkivji awdjoviżivi ta' kumpanniji nazzjonali ta' xandir skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet. Għalhekk, huwa jibbenefika mid-drittijiet tal-użu ta' dawn l-estratti fit-tmiem tal-perijodu ta' sena mill-ewwel xandir tagħhom.

L-[INA] jibqa' s-sid tal-materjal medjatiku u tekniku u għandu jkollu d-drittijiet tal-użu tal-arkivji awdjoviżivi ta' kumpanniji nazzjonali ta' xandir […] li kienu ttrasferiti lilu qabel il-pubblikazzjoni tal-Liġi Nru 2000-719 tal-1 ta' Awwissu 2000 […].

L-[INA] għandu jeżerċita d-drittijiet ta' użu li għalihom jagħmel riferiment dan il-paragrafu fl-osservanza tad-drittijiet personali u ekonomiċi tal-persuni intitolati għad-drittijiet tal-awtur jew għad-drittijiet relatati u l-aventi kawża tagħhom. Madankollu, bħala deroga mill-Artikoli L. 212-3 u L. 212-4 tal-Kodiċi tal-Proprjetà Intellettwali, il-kundizzjonijiet li taħthom jintużaw il-prestazzjonijiet tal-artisti interpreti fl-arkivji li għalihom dan l-artikolu jagħmel riferiment u r-remunerazzjoni għal dan l-użu għandhom ikunu rregolati mill-ftehimiet konklużi bejn l-artisti interpreti nnifishom jew l-organizzazzjonijiet ta' impjegati li jirrappreżentaw lill-artisti interpreti u l-[INA]. Dawn il-ftehimiet għandhom jispeċifikaw b'mod partikolari l-iskala ta' remunerazzjoni u l-modalitajiet għall-ħlas ta' din ir-remunerazzjoni.

[…]"

## III. Il-fatti tal-kawża prinċipali

14. L-INA huwa organu kummerċjali tal-Istat stabbilit bid-dritt fl-1974. Huwa responsabbli mill-konservazzjoni u mill-promozzjoni tal-patrimonju nazzjonali awdjoviżiv. Huwa jżomm l-arkivji awdjoviżivi tal-"kumpanniji nazzjonali ta' xandir" (stazzjonijiet nazzjonali tar-radju u televiżivi) u jgħin fl-użu tagħhom.

15. Kif osservajt diġà, PG u GF huma ż-żewġ ulied u l-aventi kawża ta' ZV, batterista ġazz magħruf mad-dinja kollha. Huma jallegaw li l-INA kkummerċjalizza fuq is-sit tiegħu mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħhom 26 reġistrazzjoni video u fonogramma li jirriproduċu prestazzjonijiet ta' missierhom li huwa mejjet. Huma ppreżentaw rikors ibbażat fuq l-Artikolu L. 212-3 tal-Kodiċi tal-Proprjetà Intellettwali, li jipprevedi li awtorizzazzjoni bil-miktub tal-artist interpretu hija meħtieġa għall-iffissar tal-prestazzjoni tagħha, għar-riproduzzjoni tagħha u għall-komunikazzjoni tagħha lill-pubbliku.

16. L-INA jsostni li l-Artikolu 49(II) tal-Liġi dwar il-Libertà ta' Komunikazzjoni jippermettilu juża l-arkivji inkambju għall-ħlas lill-artisti interpreti tar-royalties stabbiliti bi ftehim kollettiv konkluż mal-organizzazzjonijiet sindakali li jirrappreżentawhom. PG u GF jirribattu min-naħa l-oħra, *inter alia*, li dawn id-dispożizzjonijiet legali li jidderogaw mill-protezzjoni tal-artisti interpreti huma kunfliġġenti mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/29.

17. B'sentenza tal-24 ta' Jannar 2013, it-tribunal de grande instance de Paris (il-Qorti Reġjonali ta' Pariġi, Franza), ordnat lill-INA jħallas lil PG u lil GF is-somma ta' EUR 15 000 bħala kumpens għad-danni subiti b'riżultat tal-użu mhux awtorizzat tal-interpretazzjonijiet inkwistjoni. B'sentenza tal-11 ta' Ġunju 2014, il-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi, Franza) ikkonfermat fis-sustanza s-sentenza mogħtija fil-prim'istanza.

18. B'mod partikolari, dawn iż-żewġ qrati kkunsidraw li l-applikazzjoni tal-Artikolu 49(II) tal-Liġi dwar il-Libertà ta' Komunikazzjoni kienet suġġetta għall-awtorizzazzjoni minn qabel tal-artist interpretu, filwaqt li prova ta' tali awtorizzazzjoni ma tkunx ingħatat mill-INA.

19. Madankollu, b'sentenza tal-14 ta' Ottubru 2015, il-Cour de Cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza) ċaħdet is-sentenza tal-cour d'appel (il-Qorti tal-Appell). Hija ddeċidiet li l-cour d'appel (il-Qorti tal-Appell) għamlet żball meta ddeċidiet li l-applikazzjoni tas-sistema derogatorja kienet suġġetta għal provi li l-artist interpretu kien awtorizza l-ewwel użu tal-prestazzjoni tiegħu, u għalhekk żiedet kundizzjoni mal-liġi li din ma kinitx tinkludi. Wara din is-sentenza, il-cour d'appel de Versailles (il-Qorti tal-Appell ta' Versailles, Franza), fuq talba tal-INA, ċaħdet it-talbiet għal kumpens li kienu tressqu kontrih.

20. Wara li semgħet l-appell ippreżentat mill-aventi kawża kontra din l-aħħar sentenza, il-Cour de Cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) kellha dubji dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Franċiża u l-interpretazzjoni ta' diversi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/29 mad-dritt tal-Unjoni.

21. Skont il-Cour de Cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni), is-sistema speċjali li l-INA jgawdi minnha ma taqa' taħt l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet u mil-limitazzjonijiet għad-drittijiet li jsir riferiment għalihom fl-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva 2001/29, previsti fl-Artikolu 5 tad-direttiva. Il-Cour de Cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) hija wkoll tal-fehma li s-soluzzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Soulier u Doke [3] ma hijiex applikabbli għal din il-kawża. Din l-aħħar kawża kienet dwar ir-riproduzzjoni ta' kotba li ma humiex disponibbli. Filwaqt li huwa minnu li l-leġiżlazzjoni dwar kotba li ma humiex disponibbli inkwistjoni fil-kawża Soulier u Doke dderogat mill-protezzjoni ggarantita lill-awturi bid-Direttiva 2001/29, l-iskema introdotta għall-benefiċċju tal-INA fl-interess ġenerali hija intiża li tirrikonċilja d-drittijiet tal-artisti interpreti ma' dawk tal-produtturi bħala ta' valur indaqs fis-sistema ta' din id-direttiva.

## IV. It-talba għal deċiżjoni preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

22. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikoli 2(b), 3(2)(a) u 5 tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 […] għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux li leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik li tirriżulta mill-Artikolu 49(II) tal-[Liġi dwar il-Libertà ta' Komunikazzjoni], emendata permezz tal-Artikolu 44 tal-loi no 2006-961 (Liġi Nru 2006-961) tal-1 ta' Awwissu 2006, tistabbilixxi, favur l-[INA], benefiċjarju, fuq l-arkivji awdjoviżivi, tad-drittijiet ta' użu mill-kumpanniji nazzjonali tal-programmi [ta' xandir], sistema derogatorja li tipprevedi li l-kundizzjonijiet għall-użu tas-servizzi [tal-prestazzjonijiet] tal-artisti interpreti u r-remunerazzjonijiet li jagħti lok għalihom dan l-użu huma rregolati minn ftehimiet konklużi bejn l-artisti interpreti nfushom jew l-organizzazzjonijiet ta' impjegati li jirrappreżentaw lill-artisti interpreti u dan l-istitut, fejn dawn il-ftehimiet għandhom b'mod partikolari jispeċifikaw il-livell tar-remunerazzjonijiet u l-modalitajiet għall-ħlas ta' dawn ir-remunerazzjonijiet?"

23. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati minn Spedidam, mill-INA, mill-Gvern Franċiż u mill-Kummissjoni Ewropea. Huma ppreżentaw ukoll argumenti orali fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2019.

3 Sentenza tas-16 ta' Novembru 2016 (C-301/15, EU:C:2016:878).

## V. Analiżi

### *A. Kunsiderazzjoni preliminari fuq l-applikazzjoni ratione temporis tad-Direttiva 2001/29*

24. L-ewwel li għandu jiġi nnotat huwa li l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2001/29 jipprevedi li d-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva għandhom japplikaw fir-rigward ta' kwalunkwe xogħlijiet u oġġetti oħrajn li għalihom isir riferiment f'din id-direttiva li kienu, fit-22 ta' Diċembru 2002, protetti mil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet relatati.

25. F'din il-kawża, ma huwiex ikkontestat li l-aħħar avveniment inkwistjoni ġie stabbilit fil-15 ta' Diċembru 2009 u li jirrelata ma' prestazzjonijiet li diġà kienu protetti taħt id-dritt nazzjonali fit-22 ta' Diċembru 2002. F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-Direttiva 2001/29 hija għaldaqstant applikabbli għal dawn l-atti [4], mingħajr preġudizzju, kif speċifikat fl-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2001/29 għal kull att konkluż u drittijiet miksuba qabel it-22 ta' Diċembru 2002.

### *B. L-irwol u l-funzjonament tal-INA*

26. Kif diġà nnotajt, l-INA ilu sa mill-1949 responsabbli għall-protezzjoni, għall-konservazzjoni u għall-promozzjoni ta' xandiriet mill-istazzjonijiet pubbliċi Franċiżi televiżivi u tar-radju. Għaldaqstant huwa jaqdi funzjoni importanti ta' interess pubbliku, jiġifieri, il-protezzjoni u t-titjib tal-patrimonju awdjoviżiv Franċiż.

27. F'dan ir-rigward, skont l-Artikolu 49 tal-Liġi dwar il-Libertà ta' Komunikazzjoni, l-INA jgawdi d-drittijiet li juża estratti mill-arkivji awdjoviżivi ta' kumpanniji nazzjonali ta' xandir. Huwa jeżerċita dawn id-drittijiet fl-osservanza tad-drittijiet personali u ekonomiċi tal-persuni intitolati għad-drittijiet tal-awtur jew għad-drittijiet relatati u tal-aventi kawża tagħhom.

28. L-INA inizjalment ma kienx kapaċi juża xi arkivji minħabba li sab li l-fajls tal-produzzjoni tax-xandiriet inkwistjoni ta' spiss ma kinux jinkludu l-kuntratti ta' xogħol li kienu ġew konklużi mal-artisti interpreti kkonċernati. Ħafna drabi kwalunkwe kunsens li seta' ngħata għat-trażmissjoni tax-xandira jew ġie mitluf jew ma setax jinstab faċilment jew inkella sempliċement ma kienx disponibbli. F'tali istanzi l-INA kien obbligat jikseb l-awtorizzazzjoni bil-miktub tal-artisti interpreti jew tal-aventi kawża tagħhom li ħafna drabi kien diffiċli jew anki impossibbli li jiġu identifikati u jinstabu.

29. Il-qorti tar-rinviju tindika li sabiex l-INA jkun jista' jaqdi l-mandat tiegħu ta' servizz pubbliku, l-Artikolu 49(II) tal-Liġi dwar il-Libertà ta' Komunikazzjoni ġie emendat fl-1 ta' Awwissu 2006 sabiex l-użu tax-xogħlijiet tal-artisti interpreti mill-arkivji jsir suġġett għal ftehimiet konklużi bejn l-INA u l-artisti interpreti jew l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentawhom.

4 Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Pelham *et* (C-476/17, EU:C:2018:1002, punti 21 sa 24).

### *C. Il-validità ta' mekkaniżmu bħal dak stabbilit favur l-INA fid-dawl tad-Direttiva 2001/29*

#### *1. L-applikabbiltà tal-Artikoli 2(b), 3(2)(a) u 5 tad-Direttiva 2001/29*

30. Ma huwiex ikkontestat li l-atti allegati kontra l-INA f'din il-kawża jikkostitwixxu atti ta' riproduzzjoni u komunikazzjoni lill-pubbliku skont l-Artikoli 2(b) u 3(2)(a) tad-Direttiva 2001/29 rispettivament, sa fejn huwa għamel il-vidjogrammi u l-fonogrammi li jinkludu l-prestazzjonijiet tal-artist interpretu kkonċernat aċċessibbli fuq is-sit tiegħu. Kif diġà ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, "att ta' tqegħid ta' oġġett protett għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fuq sit internet magħmul mingħajr il-kunsens tad-detenturi tad-drittijiet jikser id-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati" kif protetti mid-Direttiva 2001/29 [5].

31. Bħalma l-qorti tar-rinviju tindika wkoll, l-Artikolu 49(II) tal-Liġi dwar il-Libertà ta' Komunikazzjoni ma jaqa' taħt l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet u mil-limitazzjonijiet li l-Istati Membri huma intitolati jistabbilixxu skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/29 [6]. Dan huwa aċċettat mill-partijiet kollha li ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub.

#### *2. L-interpretazzjoni tal-Artikoli 2(b) u 3(2)(a) tad-Direttiva 2001/29*

32. L-Artikolu 2(b) u l-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 2001/29 jipprevedu, rispettivament, li l-Istati Membri għandhom jagħtu lill-artisti interpreti d-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew li jipprojbixxu r-riproduzzjoni diretta jew indiretta tal-iffissar tal-prestazzjonijiet tagħhom bi kwalunkwe mezz u fi kwalunkwe forma, kif ukoll id-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew li jipprojbixxu kwalunkwe komunikazzjoni lill-pubbliku tal-iffissar tal-prestazzjonijiet tagħhom.

33. Fil-kawża Soulier u Doke, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-protezzjoni simili mogħtija lill-awturi għar-riproduzzjoni tax-xogħlijiet tagħhom u l-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħlijiet tagħhom għandha tinftiehem "fis-sens li din ma hijiex limitata għat-tgawdija tad-drittijiet iggarantiti mill-Artikolu 2(a) u mill-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29, iżda testendi wkoll għall-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet" [7]. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li "d-drittijiet iggarantiti lill-awturi mill-Artikolu 2(a) u mill-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 huma ta' natura preventiva, fis-sens li kull att ta' riproduzzjoni jew ta' komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xogħol minn terz jeħtieġ il-kunsens minn qabel tal-awtur tiegħu" [8]. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet – kuntrarjament għall-interpretazzjoni proposta mill-Avukat Ġenerali [9] – li "l-Artikolu 2(a) u l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 ma jippreċiżawx il-mod li bih il-kunsens minn qabel tal-awtur għandu jiġi espress, b'mod li dawn id-dispożizzjonijiet ma jistgħux jiġu interpretati fis-sens li jimponu li tali kunsens ikun neċessarjament espress b'mod espliċitu. Għall-kuntrarju, hemm lok li jitqies li dawn id-dispożizzjonijiet jippermettu wkoll li dan jiġi espress b'mod impliċitu" [10], suġġett għall-konformità ma' kundizzjonijiet stretti. Infatti, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-leġiżlazzjoni nazzjonali kellha tipprevedi mekkaniżmu biex jiġi żgurat li l-artisti interpreti jiġu konkretament u individwalment informati u li t-tgawdija u l-eżerċizzju tad-drittijiet ta' riproduzzjoni u komunikazzjoni lill-pubbliku mogħtijin lill-artisti interpreti ma jistgħux jiġu suġġetti għal kwalunkwe formalità [11].

5 Sentenza tas-27 ta' Marzu 2014, UPC Telekabel Wien (C-314/12, EU:C:2014:192, punt 25).

6 Jiġi mfakkar li l-premessa 32 tad-Direttiva 2001/29 tindika li din il-lista ta' eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet għad-dritt ta' riproduzzjoni u d-dritt ta' komunikazzjoni lill-pubbliku hija eżawrjenti. In-natura eżawrjenti ta' din id-dispożizzjoni hija kkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Novembru 2016, Soulier u Doke, C-301/15, EU:C:2016:878, punt 26, u s-sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Renckhoff, C-161/17, EU:C:2018:634, punt 16).

7 Sentenza tas-16 ta' Novembru 2016, Soulier u Doke (C-301/15, EU:C:2016:878, punt 31).

8 Sentenza tas-16 ta' Novembru 2016, Soulier u Doke (C-301/15, EU:C:2016:878, punt 33).

9 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wathelet f'Soulier u Doke (C-301/15, EU:C:2016:536, punti 38 u 39).

10 Sentenza tas-16 ta' Novembru 2016, Soulier u Doke (C-301/15, EU:C:2016:878, punt 35).

11 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Novembru 2016, Soulier u Doke (C-301/15, EU:C:2016:878, punti 43 u 50).

34. Huwa ċar li din l-interpretazzjoni tal-Artikoli 2(a) u 3(1) tad-Direttiva 2001/29 għandha tapplika wkoll, almenu b'analoġija, għall-Artikoli 2(b) u 3(2)(a) tal-istess direttiva fir-rigward tal-artisti interpreti.

35. L-ewwel nett, id-drittijiet protetti minn dawn id-dispożizzjonijiet differenti huma mfasslin f'termini identiċi u inkundizzjonati. It-tieni nett, bl-istess mod li l-interpretazzjoni tal-Artikoli 2(a) u 3(1) tad-Direttiva 2001/29 hija sostnuta mill-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni ta' Berna għall-Protezzjoni ta' Xogħlijiet Letterarji u Artistiċi [12] – li skontu t-tgawdija u l-eżerċizzju tad-drittijiet ta' riproduzzjoni u komunikazzjoni lill-pubbliku ma għandhom ikunu suġġetti għal ebda formalità – interpretazzjoni identika tal-Artikoli 2(b) u 3(2)(a) tad-Direttiva 2001/29 hija sostnuta mill-Artikolu 20 tat-Trattat tal-WIPO dwar il-Prestazzjonijiet u l-Fonogrammi (iktar 'il quddiem it-"TWPF") adottat f'Genève fl-20 ta' Diċembru 1996 li jinkludi projbizzjoni simili [13]. It-tielet nett, ma hemm ebda ġerarkija bejn id-drittijiet tal-awtur u tal-artist interpretu [14].

36. B'mod parallel ma' din l-interpretazzjoni tal-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva 2001/29, għandu jiġi nnotat li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll fil-kawża Luksan li "d-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jagħti l-possibbiltà lill-Istati Membri li jistabbilixxu preżunzjoni ta' ċessjoni, favur il-produttur tax-xogħol ċinematografiku, tad-drittijiet ta' sfruttament tax-xogħol ċinematografiku bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali (dritt ta' xandir permezz tas-satellita, dritt ta' riproduzzjoni *u kull dritt ieħor ta' komunikazzjoni lill-pubbliku permezz ta' tqegħid għad-dispożizzjoni*), sakemm din il-preżunzjoni ma jkollhiex natura inkontestabbli li teskludi l-possibbiltà għad-direttur prinċipali tal-imsemmi xogħol li jasal għal ftehim differenti" [15]. F'dan il-kuntest huwa importanti wkoll li jiġi enfasizzat, kif għamlet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Soulier u Doke, li "l-kundizzjonijiet li fihom kunsens impliċitu jista' jiġi aċċettat għandhom ikunu ddefiniti b'mod strett, sabiex il-prinċipju stess ta' kunsens minn qabel tal-awtur ma jitlifx l-effett tiegħu" [16].

37. Il-fatt li r-risposta fil-kawża Luksan hija limitata għall-produttur ta' xogħol ċinematografiku huwa dovut biss għall-fatti partikolari ta' dik il-kawża. Barra minn hekk, għalkemm huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja prinċipalment ibbażat ir-raġunament tagħha fl-imsemmija sentenza fuq l-Artikolu 3(4) u (5) tad-Direttiva 2006/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet ta' l-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali li jipprevedi preżunzjoni ta' trasferiment ta' dritt ta' kiri lill-produttur ta' film [17], il-kamp ta' applikazzjoni tal-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' dan il-prinċipju ta' preżunzjoni ta' trasferiment f'ċerti ċirkustanzi huwa madankollu usa'. Għandu wkoll ikun applikabbli għad-drittijiet iggarantiti mid-Direttiva 2001/29, irrispettivament mit-tip ta' xogħol ikkonċernat. Infatti, kif il-Qorti tal-Ġustizzja indikat fl-imsemmija kawża, l-investiment meħtieġ biex jipproduċu prodotti bħal fonogrammi, films u prodotti ta' multimedia huwa, fiż-żewġ ċirkustanzi, kunsiderevoli [18]. Huwa

12 L-Att ta' Pariġi tal-24 ta' Lulju 1971, kif emendat fit-28 ta' Settembru 1979 (iktar 'il quddiem "il-Konvenzjoni ta' Berna").

13 It-TWPF ġie approvat f'isem il-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/278/KE tas-16 ta' Marzu 2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 33, p. 208). Skont l-Artikolu 20 tat-TWPF, "it-tgawdija u l-eżerċizzju tad-drittijiet previsti minn dan it-Trattat ma għandhomx ikunu suġġetti għal kwalunkwe formalità" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Ma hemmx bżonn li jiġi mfakkar li "kif jirriżulta mill-premessa 15 fil-preambolu tad-Direttiva 2001/29, huwa paċifiku li wieħed mill-għanijiet ta' din tal-aħħar huwa sabiex timplementa l-obbligi li l-Unjoni għandha skont [it-TWPF]. F'dawn iċ-ċirkustanzi, […] din id-direttiva għandh[a] [t]iġ[i] interpretat[a], sa fejn huwa possibbli, fid-dawl ta' da[n] i[t-trattat]" (sentenza tal-15 ta' Marzu 2012, SCF Consorzio Fonografici, C-135/10, EU:C:2012:140, punt 52). Dispożizzjoni simili (l-Artikolu 17) teżisti fit-Trattat ta' Beijing dwar Prestazzjonijiet Awdjoviżivi, adottat mill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (iktar 'il quddiem l-"ODPI") fl-24 ta' Ġunju 2012. Dan it-trattat ġie ffirmat mill-Unjoni iżda għadu jrid jidħol fis-seħħ.

14 Suġġett għall-eċċezzjoni tad-drittijiet morali. Ara, f'dan is-sens, de Visscher, F. u Michaud, B., *Précis du droit d'auteur et des droits voisins*, Brussell, Bruylant, 2000, Nru 304.

15 Sentenza tad-9 ta' Frar 2012 (C-277/10, EU:C:2012:65, punt 87). Enfasi miżjuda.

16 Sentenza tas-16 ta' Novembru 2016 (C-301/15, EU:C:2016:878, punt 37).

17 ĠU 2006, L 376, p. 28.

18 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Frar 2012, Luksan (C-277/10, EU:C:2012:65, punt 83).

għalhekk li, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja f'termini ġenerali, "fl-okkażjoni tal-adozzjoni tad-Direttiva 2001/29 […] l-leġiżlatur tal-Unjoni […] ma kienx bi ħsiebu jiskarta l-applikazzjoni ta' kunċett bħal dak tal-preżunzjoni ta' ċessjoni, fir-rigward tad-drittijiet ta' sfruttament irregolati mill-imsemmija direttiva" [19].

38. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, għaldaqstant, naħseb li mekkaniżmu ta' preżunzjoni ta' kunsens għandu, bħala prinċipju, ukoll ikun applikabbli fir-rigward tad-drittijiet għall-użu ta' xogħol awdjoviżiv bħad-drittijiet ta' riproduzzjoni u kwalunkwe dritt ieħor ta' komunikazzjoni lill-pubbliku permezz tat-tqegħid għad-dispożizzjoni, kif stabbilit bid-Direttiva 2001/29 [20].

39. Dan huwa speċjalment minnu fil-kuntest ta' sekwenzi awdjoviżivi (relattivament) antiki – bħal dak f'din il-kawża – fejn jista' jkun diffiċli biex issa jiġi identifikat il-materjal dokumentarju relattiv (jekk, wara kollox, wieħed jassumi li kien jeżisti) li jipprevedi l-kunsens min-naħa tal-artist interpretu għall-użu ta' dan ix-xogħol minn parti oħra. Huwa rilevanti wkoll li, l-istess bħal fil-kawża Soulier u Doke, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni ssegwi għan li jammonta għal forma ta' preżunzjoni ta' għoti ta' liċenzja tad-drittijiet tal-awtur "fl-interess kulturali tal-konsumaturi u tas-soċjetà kollha" [21].

40. Fl-istess ħin, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha wkoll tkun għaqlija biex tiżgura li kwalunkwe preżunzjoni leġiżlattiva bħal din ma tkunx tant estensiva li effettivament timmina n-natura esklużiva tad-dritt gawdut mill-persuni intitolati.

41. Filwaqt li l-kunċett ta' "preżunzjoni" identifikat fil-kawża Luksan jista' bħala prinċipju jiġi applikat ukoll għal din il-kawża, hemm ukoll differenzi importanti bejn iż-żewġ kawżi. Karatteristika importanti tal-kawża Luksan hija li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Istati Membri huma liberi li jkollhom leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi preżunzjoni ta' trasferiment minn direttur tal-films tad-drittijiet ta' kiri tal-film lill-produttur tal-film, għaliex din tissodisfa wieħed mill-għanijiet li għalih tirreferi l-premessa 5 fil-preambolu tad-Direttiva 2006/115, jiġifieri, "li jippermetti lill-produttur jirkupra l-investimenti li jkun wettaq sabiex iwettaq ix-xogħol ċinematografiku" [22].

42. Dan ir-*ratio legis* ma japplikax għal din il-kawża, għaliex ma kien hemm ebda relazzjoni kummerċjali preċedenti bejn ZV u l-INA, wisq inqas xi suġġeriment li l-INA *qua* terz iffinanzjat l-iffilmjar tal-prestazzjonijiet inkwistjoni. Il-bażi kollha għall-preżunzjoni leġiżlattiva fil-kawża preżenti, għaldaqstant, hija bbażata sempliċement fuq kunċett tal-interess pubbliku, jiġifieri, li kien mixtieq li patrimonju televiżiv għandu xorta waħda jkun utilizzabbli f'ċirkustanzi fejn il-kisba tal-kunsens konkret tal-artisti interpreti (jew tal-eredi tagħhom) tista' tkun eċċessivament diffiċli jew anki impossibbli.

43. Kwalunkwe leġiżlazzjoni tad-drittijiet tal-awtur ta' dan it-tip li hija bbażata fuq il-prinċipju ta' kunsens attribwit jew preżunt tista' xxekkel id-dritt esklużiv tal-artist interpretu biss sa fejn ikun neċessarju biex jintlaħaq l-għan leġiżlattiv. Huwa biss f'dawn iċ-ċirkustanzi li jkun jista' jingħad li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali [23].

19 Sentenza tad-9 ta' Frar 2012, Luksan (C-277/10, EU:C:2012:65, punt 85).

20 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Frar 2012, Luksan (C-277/10, EU:C:2012:65, punt 86), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "preżunzjoni ta' ċessjoni, hekk kif previst oriġinarjament, f'dak li jirrigwarda d-dritt ta' kiri u ta' self, fl-Artikolu 2(5) u (6) tad-Direttiva 92/100, u li ġie rriprodott, sostanzjalment, fl-Artikolu 3(4) u (5) tad-Direttiva 2006/115, għandu wkoll ikun applikabbli f'dak li jirrigwarda d-drittijiet ta' sfruttament tax-xogħol ċinematografiku bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali (dritt ta' xandir permezz tas-satellita, dritt ta' riproduzzjoni u kull dritt ieħor ta' komunikazzjoni lill-pubbliku permezz ta' tqegħid għad-dispożizzjoni)".

21 Sentenza tas-16 ta' Novembru 2016 (C-301/15, EU:C:2016:878, punt 45).

22 Sentenza tad-9 ta' Frar 2012, (C-277/10, EU:C:2012:65, punt 79).

23 Ara l-Artikolu 17 u l-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

44. Madankollu, għandu jiġi osservat, f'dan ir-rigward, li l-Artikolu 49 tal-Liġi dwar il-Libertà ta' Komunikazzjoni jidher li jorganizza u jagħmel *trasferiment* tad-drittijiet tal-artist interpretu fuq il-bażi ta' kunsens impliċitu favur l-INA. Nikkunsidra li, għar-raġunijiet li semmejt, dan ikun jammonta f'dawn iċ-ċirkustanzi għal indħil sproporzjonat fin-natura esklużiva tad-drittijiet tal-artist interpretu. Huwa, naħseb, almenu impliċitu fir-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Soulier u Doke[24] li trasferiment ta' dan it-tip għandu jopera b'mod proporzjonat u jista' jnaqqas mill-esklużività ta' dan id-dritt biss sa fejn ikun b'mod ċar neċessarju għal dan l-għan.

45. Dan, nissuġġerixxi, huwa l-qofol tad-diffikultà ppreżentata mid-dritt nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għaliex kieku huwa sempliċement ħoloq forma ta' modalità ta' liċenzja impliċita tad-drittijiet tal-awtur favur l-INA, dan kien ikun konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2001/29. Id-dritt attwali jmur iktar lil hinn minn hekk għaliex ma jipprevedix liċenzja impliċita favur l-INA, iżda, minflok, kunsens impliċitu għat-trasferiment ta' dawn id-drittijiet tal-artisti interpreti. Huwa għalhekk il-mod sproporzjonat li bih id-dritt nazzjonali jopera li jrenduh kuntrarju għar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni.

## VI. Konklużjoni

46. Għaldaqstant, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi d-domandi magħmula mill-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza), bil-mod segwenti:

L-Artikolu 2(b), l-Artikolu 3(2)(a) u l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni għandhom jiġu interpretati bħala li jipprekludu regola nazzjonali, bħal dik stabbilita fl-Artikolu 49(II) tal-loi nº 86-1067 du 30 septembre 1986 relative à la liberté de communication (il-Liġi Nru 86-1067 tat-30 ta' Settembru 1986 dwar il-Libertà ta' Komunikazzjoni), kif emendata bl-Artikolu 44 tal-Liġi Nru 2006-961 tal-1 ta' Awwissu 2006, sa fejn din tipprevedi trasferiment lill-Institut national de l'audiovisuel (l-Istitut Nazzjonali tal-Awdjoviżiv Franċiż) tad-drittijiet tal-artisti interpreti.

24 Sentenza tas-16 ta' Novembru 2016 (C-301/15, EU:C:2016:878).